MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2005

Appell Civili Numru. 21/2005/1

**Rikors tal-10 ta' Mejju 2005 fl-atti tar-rikors kostituzzjonali**
**numru 21/2005 fl-ismijiet:**

**Joseph Emanuel u Carmen konjugi Ruggier**

**v.**

**Joseph Oliver Ruggier f'ismu proprju u ghal** ***S.O.C. & K. Limited*****; u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn provvediment moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fl-4 ta' Lulju 2005, u jirrigwarda talba maghmula, permezz ta' rikors (datat 10 ta' Mejju 2005) fil-kors ta' proceduri kostituzzjonali (istitwiti permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' April 2005). Permezz ta' l-imsemmi rikors tal-10 ta' Mejju 2005, ir-rikorrenti – appellanti odjerni – talbu li fil-pendenza tal-kawza kostituzzjonali quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza, f'liema kawza huma qed jallegaw li s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra taghhom fl-14 ta' Novembru 1994 kienet hekk inghatat bi ksur tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif ukoll bi ksur tad-dritt taghhom ghall-godiment pacifiku tal-proprjeta` taghhom, tigi ordnata s-sospensjoni tal-mandat ta' zgumbrament, ibbazat fuq l-imsemmija sentenza tal-14 ta' Novembru 1994, sakemm tigi deciza l-istess kawza kostituzzjonali.

**2.** Fl-4 ta' Lulju 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet din it talba ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ta' zgumbrament. Il-provvediment qieghed jigi hawn riprodott fl-interita` tieghu peress li fih ukoll rikapitolazzjoni fil-qosor ta' l-*iter* tad-diversi proceduri li wasslu ghall-imsemmi provvediment:

**"Dan il-provvediment huwa dwar talba tar-rikorrenti biex il-qorti twaqqaf l-esekuzzjoni ta' sentenza kontra tagħhom sakemm tinqata' kawża kostituzzjonali mibdija mir-rikorrenti b'talba biex il-qorti tgħid illi s-sentenza ngħatat bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.**

**Is-sentenza li r-rikorrenti jridu jwaqqfu l-esekuzzjoni tagħha kienet ingħatat fl-14 ta' Novembru 1994 fil-kontumaċja tal-konvenuti (rikorrenti fil-proċeduri tallum) u kienet ordnat l-iżgumbrament tagħhom minn proprjetà immobiljari.**

**Fis-6 t'Ottubru 2000, billi sa dakinhar is-sentenza kienet għadha ma ġietx esegwita, u billi kienu għaddew aktar minn ħames snin minn meta ngħatat, l-atturi (intimati fil-proċeduri tallum) kienu talbu li l-qorti tagħtihom is-setgħa li jmexxu għall-esekuzzjoni**

**tas-sentenza. It-talba ntlaqgħet b'dikriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2002. Ir-rikorrenti appellaw mid-dikriet iżda l-appell tagħhom kien miċħud b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Frar 2005.**

**Ir-rikorrenti kienu fittxew ukoll illi jħassru s-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 bil-proċedura tar-ritrattazzjoni mibdija fit-23 ta' April 2001, iżda din it-talba tagħhom kienet miċħuda b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar 2004.**

**Issa r-rikorrenti fetħu kawża kostituzzjonali b'talba illi l-qorti tgħid illi s-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 ingħatat bi ksur tad-dritt fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq — għax igħidu illi ma kinux notifikati bl-atti — u għat-tgawdija tal-beni tagħhom. Qegħdin jitolbu wkoll illi din il-qorti twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Dan il-provvediment tallum huwa dwar din l-aħħar talba.**

**Kif juri l-*iter* tal-proċeduri kif imfisser fuq, kien hemm aktar minn deċiżjoni ġudizzjarja waħda illi, effettivament, tat lill-intimati s-setgħa li jmexxu għall-esekuzzjoni tas-sentenza u dawn id-deċiżjonijiet issa huma *res iudicata*. Għalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, din il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tħoll lill-partijiet mir-rabta ta' *res iudicata* jekk dan ikun meħtieġ biex tagħti rimedju kontra ksur ta' dittijiet fondamentali, dan ma għandux isir leġġerment, u żgur mhux qabel ma tkun ingħatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak il-ksur.**

**Allegazzjoni *ex parte* illi sar ksur ta' dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u l-finalità ta' *res iudicata* illi sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.**

**Fil-fehma ta' din il-qorti, sentenzi li saru *res iudicata* għandhom jitqiesu li jiswew u li ngħataw *rite et recte* sakemm ma jintweriex mod ieħor. Għal din ir-raġuni, it-talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni, f'dan l-istadju, ma tistax tintlaqa'.**

**Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tal-10 ta' Mejju 2005. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jkunu regolati skond is-sentenza fuq il-meritu."**

**3.** Mad-dettalji moghtija fl-imsemmi provvediment jista' jinghad ukoll li, kif jirrizulta min-nota ta' l-appellat Joseph Oliver Ruggier *pro et noe* tal-11 ta' Awissu 2005, l-appellanti odjerni pprezentaw xejn anqas minn tlett rikorsi ohra oltre dak tal-10 ta' Mejju 2005 – wiehed minnhom rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni – biex jippruvaw izommu lill-appellat Joseph Oliver Ruggier milli jipprocedi bil-mandat ta' zgumbrament, u dawn it-talbiet gew kollha michuda mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[1].

**4.** Wara li inghata l-provvediment tal-4 ta' Lulju 2005, Carmen Ruggier ipprezentat zewg rikorsi ohra. Fis-7 ta' Lulju 2005 hija (u ghalhekk mhux ukoll zewgha) pprezentat rikors quddiem l-istess Qorti li kienet tat il-provvediment tal-4 ta' Lulju 2005 sabiex dik il-Qorti taghtiha l-permess specjali sabiex hija tkun tista tappella mid-digriet imsemmi tal-4 ta' Lulju 2005. Fil-11 ta' Lulju 2005, imbaghad, hija (jigifieri dejjem Carmen Ruggier wahedha) ipprezentat rikors iehor sabiex dik l-istess Qorti "tikkunsidra mill-gdid" id-digriet taghha tal-4 ta' Lulju 2005. Dawn iz-zewg rikorsi evidentement saru minn Carmen Ruggier taht u skond dak li jipprovdu s-subartikoli (3) u (4) ta' l-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fit 22 ta' Lulju 2005 l-ewwel Qorti pprovdiet hekk: **"Wara li qieset l-effett li jista' jkollha l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq ir-rikorrenti hija tal-fehma li jkun xieraq illi l-kwistjoni ta' l-esekuzzjoni tkun ezaminata wkoll mill-Qorti ta' l-Appell [2] u ghaldaqstant taghti lir-rikorrenti l-fakolta` li jaghmlu appell sa fejn dik il-fakolta` hija mehtiega. Fid-dawl ta'**

[1] Ara d-digrieti tas-26 ta' April 2005, 30 ta' Mejju 2005 u 20 ta' Gunju 2005.
[2] Din il-Qorti tifhem li r-referenza kellha tkun ghall-Qorti Kostituzzjonali, mhux il-Qorti ta' l-Appell.

**dan id-digriet tal-lum ma hux mehtieg provvediment fuq ir-rikors l-iehor maghmul fil-11 ta' Lulju 2005 biex il-Qorti tqis mill-gdid id-digriet ta' l-4 ta' Lulju 2005"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**5.** In segwitu ghal dan id-digriet tat-22 ta' Lulju 2005, il-konjugi Ruggier (issa, ghalhekk, it-tnejn li huma) ipprezentaw ir-rikors ta' appell taghhom quddiem din il-Qorti. L-aggravji tar-rikorrenti huma, bazikament, erbgha. Fl-ewwel lok huma jikkontendu illi l-kawza kostituzzjonali minnhom proposta mhix ibbazata fuq "mera allegazzjoni" kif huma jghidu li qalet l-ewwel Qorti fil-provvediment li minnu qed isir dana l-appell. L-appellanti jghidu li jidher car mill-atti – u li allura hemm aktar minn semplici allegazzjoni – li Carmen Ruggier qatt ma kienet notifikata bic-citazzjoni li wasslet ghas-sentenza originali ta' zgumbrament. It-tieni aggravju taghhom hu fis-sens li jekk, qabel ma tinqata' l-kawza kostituzzjonali, huma jigu "zgumbrati mill-proprjeta` residenzjali skond sentenza li hija karpita b'nullita` fondamentali" dan ikun jammonta ghal "esproprju minghajr kumpens u bla ebda bzonn pubbliku". It-tielet aggravju hu fis-sens li l-prassi tal-Qrati Maltin hi li fejn ikun hemm kontestazzjoni ta' sentenza ta' zgumbrament, tali zgumbrament jigi sospiz minhabba "…il-pregudizzju eccessiv li ser issofri l-persuna li tigi zgumbrata" u "minhabba d-diffikulta` li l-esekuzzjoni ta' zgumbrament tohloq jekk is-sentenza originali tigi rexissa". L-ahhar aggravju hu bbazat fuq il-provvediment moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha (u ghalhekk mhux minn din il-Qorti, cioe` mill-Qorti Kostituzzjonali, kif erroneament jinghad fir-rikors ta' appell) tal-25 ta' April 2003 fil-kawza fl-ismijiet ***Andrew Ellul Sullivan et v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, fejn dik il-Qorti kienet issospendiet l-esekuzzjoni ta' multa imposta minn sentenza ta' Qorti ta' Gustizzja Kriminali wara li rriteniet li hija kellha s-setgha *"...tirregola l-procedura taghha u li taghti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-htiega taghhom waqt kull smigh, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suggetta ghal pressjonijiet indebiti jew hsara irriversibbli ghal xi wahda mill-partijiet."*

**6.** Kemm l-intimat Avukat Generali kif ukoll l-intimat l-iehor, cioe` Joseph Oliver Ruggier, fir-risposti taghhom ghall-appell odjern issollevaw eccezzjonijiet preliminari. L-Avukat Generali jghid li in kwantu r-rikors ta' appell sar ukoll minn Joseph Emanuel Ruggier, dan huwa null, u dan peress li kienet biss Carmen Ruggier li talbet il-permess biex tappella. Joseph Oliver Ruggier jeccepixxi wkoll li l-provvediment tal-4 ta' Lulju 2005 ma hux digriet interlokutorju u ghalhekk ma hux appellabbli skond dak li jipprovdi l-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12. Logikament l-ewwel li jrid jigi deciz huwa l-punt sollevat mill-imsemmi Joseph Oliver Ruggier.

**7.** Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellat Joseph Oliver Ruggier m'ghandux ragun f'din l-eccezzjoni tieghu. Provvediment bhal dak tal-4 ta' Lulju 2005 hu ta' natura interlokutorja ghax, billi jilqa' jew jichad (f'dan il-kaz cahad) talba ghal dak li huwa effettivament *interim measure* intiza biex jigu assigurati b'mod aktar ampju d-drittijiet ta' parti jew ohra, ikun qieghed effettivament jirregola l-andament tal-proceduri. Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proceduri kostituzzjonali fejn jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll din il-Qorti ghandhom is-setgha li, f'cirkostanzi eccezzjonali (kif ser jigi mfisser aktar 'l quddiem) jaghtu dawk il-provvedimenti preventivi intizi sabiex jizguraw li sakemm tigi determinata l-kawza kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgha ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat <u>u effettiv</u> konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostutuzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap. 319[3]. Tali setgha tmur oltre, u ma tiddependix minn dak li jipprovdi, l-Artikolu 173 tal-Kap. 12. Provvedimenti preventivi simili huma appellabbli miz-zewg partijiet fil-kawza, s'intendi prevja l-otteniment tal-permess skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 229 tal-Kap. 12. Ghalhekk dina l-eccezzjoni ta' Joseph Oliver Ruggier qed tigi respinta.

**8.** Mhux l-istess, pero`, jista' jinghad dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat Generali. Kif huwa tajjeb osserva – haga li donnha sfuggiet anke lill-ewwel

[3] Artikolu 4(1)(2) tal-Kap. 319.

Onorabbli Qorti – it-talba ghall-permess biex isir appell saret biss minn Carmen Ruggier. Irrispettivament ghalhekk mill-lokuzzjoni adoperata mill-Prim Awla fid-digriet taghha tat-22 ta’ Lulju 2005, l-appell f’dana l-kaz seta’ jsir biss mill-imsemmija Carmen Ruggier, u ghalhekk, riferibbilment biss ghal Joseph Emanuel Ruggier, l-appell ma jistax hlief jigi meqjus bhala irritu u null.

**9.** Jibqa’, ghalhekk, biex jigi kkunsidrat l-appell, in kwantu sar minn Carmen Ruggier, fil-meritu. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-risposta tieghu, hafna mill-argumenti migjuba fir-rikors ta’ l-appell imorru lil hinn mis-semplici fatt ta’ jekk din il-Qorti ghandhiex tilqa’ t-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament ibbazat fuq is-sentenza tal-14 ta’ Novembru 1994 (u kif awtorizzat bid-digriet tal-21 ta’ Marzu 2002, konfermat fl-appell fl-1 ta’ Frar 2005), u fil-fatt jolqtu l-meritu tal-kawza kostituzzjonali proprja. L-istess jista’ jinghad ghal hafna minn dak li jghid l-appellat Joseph Oliver Ruggier fir-risposta tieghu tat-8 ta’ Awissu 2005.

**10.** Din il-Qorti taqbel fil-principju ma’ dak li qalet il-Prim Awla fil-provvediment appellat, u cioe` li r-regola ghandha tkun li, galadarba hemm sentenza li ghaddiet in gudikat, dik is-sentenza ghandha favuriha l-presunzjoni li kull ma wassal ghaliha sar *rite et recte*. Is-semplici allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq jew ta’ xi dritt fondamentali iehor ma jistax iwaqqaf, bhala regola, l-esekuzzjoni ta’ sentenza li ghaddiet in gudikat, ghax altrimenti tkun haga mill-aktar facli ghal min irid jistultifika l-effett tar-*res iudicata* li, ezawriti l-proceduri kollha skond il-ligi ordinarja (inkluz, fil-kaz ta’ kawzi civili, dak ta’ ritrattazzjoni, gja` fih innifsu rimedju straordinarju) jallega xi ksur ta’ dritt fondamentali. Haga bhal din iggib dizordni shiha fis-sistema legali u gudizzjarja u taghti lok ghal abbuz, bi hsara ta’ min ikollu favurih sentenza tal-qorti, b’awment ta’ litigju li zgur il-Qrati taghna m’ghandhomx bzonnu u, fil-kaz ta’ proceduri penali, bi tnaqqis tas-sigurezza ghac-cittadini onesti li s-sejbien tal-htija u l-ghoti tal-kundanna suppost li jgibu maghhom. Anqas huwa argument validu dak migjub mill-appellanti Carmen Ruggier li meta si tratta ta’ esekuzzjoni ta’ mandat ta’ zgumbrament, fejn ikun hemm kontestazzjoni tas-sentenza, ghandha dejjem

tipprevali s-sospensjoni sakemm tigi deciza l-kontestazzjoni dwar il-validita` tas-sentenza ta' zgumbrament. Tali argument igib bhala konsegwenza li sid il-proprjeta`, jew minn ghandu favurih sentenza ta' zgumbrament, jigi dejjem zvantaggjat, bi hsara tieghu tad-dritt – ukoll wiehed fundamentali – tal-proprjeta`.

**11.** B'dana kollu, ma jistax jigi eskluz li jista' jkun hemm kazijiet eccezzjonali fejn, sabiex jigi assigurat bl-aktar mod ampju rimedju adegwat u effettiv, ikun indikat li tittiehed mizura *ad interim* li jista' jkollha l-forma wkoll ta' sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza. L-ezempju forsi klassiku huwa l-kaz ***Soering*** [4] quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn persuna kienet qed tirriskja li tigi gustizzjata billi tinghatha l-mewt jekk, fil-pendenza tas-smigh tal-kawza taghha mill-Qorti ta' Strasbourg, hija tigi estradita mir-Renju Unit ghall-Istati Uniti ta' l-Amerika. Fil-fehma tal-Qorti, l-adegwatezza u l-effettivita` tar-rimedju li talvolta jista' jinghata wiehed irid jezaminah mhux sempliciment billi jhares lejn in-natura tal-vjolazzjoni lamentata u jara, fl-evetwalita` li sehhet dik il-vjolazzjoni, x'jistghu jkunu r-rimedji, izda wkoll billi jezamina l-fattispeci partikolari tal-kaz, inkluzi l-antecedenti li jkunu wasslu ghall-vertenza, biex jara jekk hemmx xi cirkostanza insolita li timmilita favur il-mizura *ad interim* fil-konsiderazzjoni generali ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

**12.** Kull kaz, ghalhekk, ghandu jigi ezaminat separatament u, s'intendi, minghajr ma jigi pregudikat il-meritu[5]. Ghalhekk fil-kaz in dizamina din il-Qorti mhix ser tidhol fil-meritu – kif ippruvaw jaghmlu kemm l-appellanti kif ukoll l-intimat Joseph Oliver Ruggier u, f'mizura ferm anqas u aktar prudenti, l-Avukat Generali. Din il-Qorti sejra tissenjala konsiderazzjoni wahda li, fil-fehma taghha, timmilita favur l-akkoljiment ta' l-appell f'dan il-kaz, u dan hu l-fatt li wara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994 l-appellat odjern dam kwazi sitt snin ma jagixxi ghall-izgumbrament in forza ta' dik is-sentenza. X'kienet ir-raguni ghal dan id-dewmien din il-Qorti ma tafx u, fic-cirkostanzi, hija rrelevanti; dak li hu relevanti hu l-fatt li,

---

[4] 7 ta' Lulju 1989

[5] Il-kawza fil-meritu tinsab differita ghal provvediment dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet ghat-28 ta' Ottubru 2005 – ara l-verbal tal-14 ta' Gunju 2005.

meta wiehed iqis l-inattivita` ta’ Joseph Oliver Ruggier, li favurih kellu sentenza ta’ zgumbrament, mal-ftit xhur li tista’ tiehu din il-kawza kostituzzjonali biex tigi finalment determinata, wiehed ma jistax serjament joggezzjona ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament (ossia ghas-sospensjoni ta’ l-effetti ta’ l-imsemmija sentenza). Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, din ic-cirkostanza hija eccezzjonali bizzejjed biex a bazi taghha jintlaqa’ l-appell (ta’ Carmen Ruggier). Din il-Qorti taghmilha cara li dan ma jfissirx li kull meta persuna tagixxi skond l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, dan ifisser, jew neccessarjament ghandu jfisser, li hemm lok jew gustifikazzjoni li wiehed itawwal aktar l-esekuzzjoni ta’ dik is-sentenza. Il-provvediment infraskritt li ser jinghata huwa bbazat esklussivament fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz in dizamina. Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll dak registrat fil-verbal ta’ l-udjenza tal-14 ta’ Gunju 2005 (quddiem l-ewwel Qorti) fejn ir-rikorrenti, illum appellanti, iddikjaraw li f’kaz li tintlaqa’ t-talba taghhom ta’ sospensjoni huma kienu lesti li jaghtu garanzija kontra d-danni minhabba d-dewmien ta’ l-esekuzzjoni.

**13.** Ghall-motivi premessi, tipprovdi fuq l-appell interpost billi:

(i) tiddikjara l-appell, in kwantu maghmul minn Joseph Emanuel Ruggier bhala irritu u null, u konsegwentement tichad it-talba in kwantu maghmula minnu;

(ii) tilqa’ l-appell in kwantu maghmul minn Carmen Ruggier u konsegwentement tordna s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament ibbazat fuq is-sentenza tal-14 ta’ Novembru 1994 (u kif awtorizzat bid-digriet tal-21 ta’ Marzu 2002, konfermat fl-appell fl-1 ta’ Frar 2005) u dan taht il-kundizzjonijiet li gejjin:

(a) li din is-sospensjoni ghandha tibqa’ fis-sehh sal-15 ta’ Jannar 2006, jew sakemm tigi definittivament deciza (jigifieri tghaddi in gudikat) il-kawza kostituzzjonali 21/05 GCD fl-ismijiet ***Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***, jekk din tigi definittivament deciza qabel l-imsemmija data, skond liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel, b’dan li

f'kaz li din il-kawza ma tkunx giet deciza sad-data imsemmija, is-sospensjoni tista' tigi mgedda, fuq talba maghmula mill-appellanti Carmen Ruggier lil din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali) liema rikors ghandu jkollu mieghu kopja tal-verbal jew verbali jew prova ohra li turi li l-appellanti Ruggier qed tipprosegwixxi l-istess kawza b'heffa u b'diligenza;

(b) li dan l-ordni ta' sospensjoni jithassar minnufih u jitqies li qatt ma sar jekk kemm-il darba l-appellanti Carmen Ruggier ma tiddepozitax fir-registru ta' din il-Qorti, sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgha 31 ta' Awissu 2005, garanzija bankarja xierqa fis-somma ta' erbat elef lira (Lm4,000) biex jaghmlu tajjeb ghad-danni minhabba dewmien ta' esekuzzjoni li talvolta jista' jsofri l-appellat Joseph Oliver Ruggier *pro et noe* fil-kaz li l-kawza kostituzzjonali tinqata' kontra r-rikorrenti Joseph Emanuel u Carmen, konjugi Ruggier, jew kontra wiehed minnhom;

(c) li l-imsemmija Carmen Ruggier tressaq permezz ta' nota – dejjem sa mhux aktar tard mil-Erbgha 31 ta' Awissu 2005 – quddiem din il-Qorti (Qorti Kostituzzjonali) kopja ta' l-att gudizzjarju li juri li wettqet l-obbligazzjoni msemmija fil-paragrafu (b), *supra*; u

(d) li dan il-provvediment ghandu jitqies bhala wiehed interlokutorju li ghalih japplika l-Artikolu 230 tal-Kap. 12

L-ispejjez ta' dan il-provvediment jithallsu hekk: dawk kollha konnessi ma' l-appell in kwantu maghmul minn Joseph Emanuel Ruggier jithallsu mill-istess Joseph Emanuel Ruggier; l-ispejjez l-ohra kollha jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------